# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 92

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

25 ta' Frar 2022

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**il–Kunsill**

| | | |
|---|---|---|
| 2022/C 92/01 | Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol | 1 |
| 2022/C 92/02 | Avviż għall-attenzjoni ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja | 7 |
| 2022/C 92/03 | Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja | 8 |
| 2022/C 92/04 | Avviż għall-attenzjoni ta' Serhiy Vitaliyovich KURCHENKO soġġett għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. | 10 |

MT

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL–KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-24 ta’ Frar 2022**

**li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta’ Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol**

(2022/C 92/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta’ Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-lista ta’ kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-12 ta’ Marzu 2019 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta’ Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta’ Marzu 2019 sat-28 ta’ Frar 2022.

(2) Il-membri u l-membri supplenti jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti jew il-mandat tagħhom jiġġedded.

(3) Il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat jenħtieġ li jinħatru għal perijodu ta’ tliet snin,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b’dan maħtura membri u membri supplenti tal-Kumitat ta’ Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perijodu mill-1 ta’ Marzu 2022 sat-28 ta’ Frar 2025:

### I. **RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN**

| Stat Membru | Membri | Membri Supplenti |
|---|---|---|
| Belġju | Is-Sa Godelieve PONNET | Is-Sa Véronique CRUTZEN<br>Is-Sa Aurore MASSART |

([1]) ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta’ Marzu 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta’ Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 100, 15.3.2019, p. 1).

| | | |
|---|---|---|
| Bulgarija | Is-Sa Vaska SEMERDZHIEVA | Is-Sur Nikolay ARNAUDOV<br>Is-Sa Darina KONOVA |
| Ċekja | Is-Sur Jaroslav HLAVÍN | Is-Sa Jana URBANOVÁ<br>Is-Sa Lucie KYSELOVÁ |
| Danimarka | Is-Sa Annemarie KNUDSEN | Is-Sa Anne-Marie VON BENZON |
| Ġermanja | Is-Sur Kai SCHÄFER | Is-Sur Thomas VOIGTLÄNDER<br>Is-Sur Sebastian HAUS-RYBICKI |
| Estonja | Is-Sa Seili SUDER | Is-Sa Maret MARIPUU<br>Is-Sa Silja SOON |
| Irlanda | | Is-Sa Marie DALTON<br>Is-Sur Stephen CURRAN |
| Greċja | Is-Sa Vasiliki PAPANASTASIOU | Is-Sa Aggeliki MOIROU<br>Is-Sur Ioannis KONSTANTAKOPOULOS |
| Spanja | Mr Carlos ARRANZ CORDERO | Is-Sa Mercedes TEJEDOR AIBAR<br>Is-Sa Belén PÉREZ AZNAR |
| Franza | | |
| Kroazja | Is-Sa Marina PRELEC | Is-Sa Žanna JANČIEV<br>Is-Sur Jere GAŠPEROV |
| Italja | | |
| Ċipru | Is-Sur Aristodemos ECONOMIDES | Is-Sa Evangelitsa TSOULOFTA<br>Is-Sur Anastassios YIANNAKI |
| Latvja | Is-Sa Māra VĪKSNE | Is-Sa Jolanta GEDUŠA<br>Is-Sur Renārs LŪSIS |
| Litwanja | Is-Sa Aldona SABAITIENĖ | Is-Sa Gintarė BUŽINSKAITĖ<br>Is-Sa Rasa ŠIDAGYTĖ |
| Lussemburgu | Is-Sa Patrice FURLANI | Is-Sur Marco BOLY<br>Is-Sur Armin KOEGEL |
| Ungerija | Is-Sur Péter NESZTINGER | Is-Sur Attila LUMNICZKY<br>Is-Sur Gyula MADARÁSZ |
| Malta | Is-Sur Mark GAUCI | Is-Sur David SALIBA<br>Is-Sur Melhino MERCIECA |
| Netherlands | Is-Sa Heidi BOUSSEN | Is-Sur Martin DEN HELD<br>Is-Sa Tanja WESSELIUS |
| Awstrija | Is-Sa Anna RITZBERGER-MOSER | Is-Sa Gertrud BREINDL<br>Is-Sa Gerlinde ZINIEL |
| Polonja | Is-Sa Agnieszka WOLSKA | Is-Sa Agnieszka GAJEK<br>Is-Sur Roman SĄSIADEK |
| Portugall | Is-Sa Fernanda CAMPOS | Is-Sa Paula SOUSA<br>Is-Sa Lucília DUARTE |
| Rumanija | Is-Sur Marian TĂNASE | Is-Sa Elena PERJU<br>Is-Sa Veronica HAŞ |

| | | |
|---|---|---|
| Slovenja | Is-Sur Nikolaj PETRIŠIČ | Is-Sa Vladka KOMEL<br>Is-Sur Etbin TRATNIK |
| Slovakkja | Is-Sur Adam ŠULÍK | Is-Sa Michaela TRABALÍKOVÁ<br>Is-Sa Martina KOSTURÁKOVÁ |
| Finlandja | Is-Sur Raimo ANTILA | Is-Sa Liisa HAKALA<br>Is-Sa Sirkku SAARIKOSKI |
| Żvezja | | |

## II. **RAPPREŻENTANTI TAT-TRADE UNIONS**

| Stat Membru | Membri | Membri Supplenti |
|---|---|---|
| Belġju | Is-Sur Kris VAN EYCK | Is-Sa Caroline VERDOOT<br>Is-Sur Laurent LORTHIOIR |
| Bulgarija | Is-Sur Ivan KOKALOV | Is-Sur Ognyan ATANASOV<br>Is-Sur Aleksandar ZAGOROV |
| Ċekja | | |
| Danimarka | Is-Sa Nina HEDEGAARD NIELSEN | Is-Sur Niels SØRENSEN |
| Ġermanja | Is-Sur Sebastian SCHNEIDER | Is-Sa Katrin WILLNECKER<br>Is-Sur Moriz-Boje TIEDEMANN |
| Estonja | Is-Sa Evelin TOMSON | Is-Sur Argo SOON<br>Is-Sa Elina REEDI |
| Irlanda | Is-Sur Sylvester CRONIN | Is-Sur Frank VAUGHAN<br>Is-Sur Dessie ROBINSON |
| Greċja | Is-Sur Andreas STOIMENIDIS | Is-Sur Ioannis GKOUTZAMANIS<br>Is-Sur Markos KONTIZAS |
| Spanja | Mr Rubén PINEL BALLESTEROS | Is-Sa Ana GARCÍA DE LA TORRE<br>Is-Sur Mariano SANZ LUBEIRO |
| Franza | | |
| Kroazja | Is-Sa Katarina RUMORA | Is-Sa Gordana PALAJSA<br>Is-Sa Ivana ŠEPAK-ROBIĆ |
| Italja | | |
| Ċipru | Is-Sur Nicos ANDREOU | Is-Sur Evangelos EVANGELOU<br>Is-Sur Stelios CHRISTODOULOU |
| Latvja | Mr Mārtiņš PUŽULS | Is-Sur Kaspars RĀCENĀJS<br>Is-Sa Gita OŠKĀJA |
| Litwanja | Is-Sa Inga RUGINIENĖ | Mr Ričardas GARUOLIS<br>Is-Sur Kęstutis JUKNYS |
| Lussemburgu | Is-Sa Vanessa CORREIA | Is-Sur Christophe KNEBELER<br>Is-Sur Jean-Luc DE MATTEIS |

| | | |
|---|---|---|
| Ungerija | Is-Sur Károly GYÖRGY | Is-Sur László MISKÉRI |
| Malta | Is-Sur Anthony CASARU | Is-Sur Gian Paul GAUCI<br>Is-Sur Victor CARACHI |
| Netherlands | Is-Sur Willem VAN VEELEN | |
| Awstrija | Is-Sa Charlotte REIFF | Is-Sa Julia NEDJELIK-LISCHKA<br>Is-Sa Petra STREITHOFER |
| Polonja | Is-Sa Paulina BARAŃSKA | Is-Sur Tomasz NAGÓRKA<br>Is-Sa Longina KACZMARSKA |
| Portugall | Is-Sa Vanda Teresa ROGADO MEDEIRO PEREIRA DA CRUZ | Is-Sur Emanuel António ZAMBUJO BOIEIRO<br>Is-Sur Eduardo Manuel NOGUEIRA CHAGAS |
| Rumanija | Is-Sa Mihaela DARLE | Is-Sur Cornel CONSTANTINOAIA<br>Is-Sur Dumitru FORNEA |
| Slovenja | Is-Sa Lučka BÖHM | Is-Sa Martina VUK |
| Slovakkja | Is-Sur Peter RAMPÁŠEK | Is-Sur Vladimír KMEC<br>Is-Sur Michal GEDAJ |
| Finlandja | Is-Sa Anne MIRONEN | Is-Sur Erkki AUVINEN<br>Is-Sa Lotta SAVINKO |
| Żvezja | | |

III. **RAPPREŻENTANTI TA' MIN IĦADDEM**

| Stat Membru | Membri | Membri Supplenti |
|---|---|---|
| Belġju | Is-Sur Kris DE MEESTER | Is-Sur Samuël JAUPART<br>Is-Sur Marc DE WILDE |
| Bulgarija | Is-Sur Georgi STOEV | Is-Sa Petya GEOREVA<br>Is-Sa Antoaneta KATZAROVA |
| Ċekja | | |
| Danimarka | Is-Sa Lena SØBY | Is-Sur Jens SKOVGAARD LAURITSEN |
| Ġermanja | Is-Sur Eckhard METZE | Is-Sur Stefan ENGEL<br>Is-Sa Malalay OSMANI |
| Estonja | Is-Sa Marju PEÄRNBERG | Is-Sa Evelin ORG<br>Is-Sa Ille NAKURT-MURUMAA |
| Irlanda | Is-Sur Michael GILLEN | Is-Sa Katharine MURRAY<br>Is-Sa Elaine BOWERS |
| Greċja | Is-Sa Katerina DASKALAKI | Is-Sur Georgios AMVRAZIS<br>Is-Sa Anastasia AVLONITOU |

| | | |
|---|---|---|
| Spanja | Is-Sa Miriam PINTO LOMEÑA | Is-Sa Isabel MAYA RUBIO<br>Is-Sa Laura CASTRILLO NÚÑEZ |
| Franza | | |
| Kroazja | Is-Sa Nuša ŽUNEC | Is-Sa Admira RIBIČIĆ<br>Is-Sur Nenad SEIFERT |
| Italja | | |
| Ċipru | Is-Sur Polyvios POLYVIOU | Is-Sur Emilios MICHAEL<br>Is-Sur Andreas ALEXI |
| Latvja | Is-Sa Inese STEPIŅA | Is-Sa Ilona KIUKUCĀNE<br>Is-Sur Jānis PUMPIŅŠ |
| Litwanja | Is-Sa Rūta JASIENĖ | Is-Sa Eglė RADIŠAUSKIENĖ<br>Is-Sa Monika GABALYTĖ |
| Lussemburgu | Is-Sur Raymond HORPER | Is-Sur Thierry GRIMEE<br>Is-Sur Marc KIEFFER |
| Ungerija | Is-Sur István KOMORÓCZKI | Is-Sa Melinda PARRAGHNÉ GÁL<br>Is-Sa Judit H. NAGY |
| Malta | Is-Sur Andy TANTI | Is-Sur Joseph DELIA<br>Is-Sur Martin BONDIN |
| Netherlands | Is-Sur W.M.J.M. VAN MIERLO | |
| Awstrija | Is-Sur Clemens ROSENMAYR | Is-Sa Stephanie PROPST<br>Is-Sa Christa SCHWENG |
| Polonja | Is-Sur Rafał HRYNYK | Ms Edyta DEFAŃSKA-CZUJKO<br>Is-Sur Cezary KOCZORSKI |
| Portugall | Is-Sur Luís HENRIQUE | Is-Sa Alexandra FREIRE<br>Is-Sur Manuel Marcelino PENA COSTA |
| Rumanija | Is-Sa Victorița Mihaela GRIGORE | Is-Sur Marius OLARIU<br>Is-Sur Gabriel BADEA |
| Slovenja | Is-Sur Jože SMOLE | Is-Sa Karmen FORTUNA JEFIM<br>Is-Sur Danijel LAMPERGER |
| Slovakkja | Is-Sa Dagmar WITTGRÜBEROVÁ | Is-Sa Silvia SUROVÁ<br>Is-Sur Róbert MEITNER |
| Finlandja | Is-Sa Suvi LAHTI-LEEVE | Is-Sa Auli RYTIVAARA<br>Is-Sur Mikko RÄSÄNEN |
| Żvezja | | |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membru supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-24 ta’ Frar 2022

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. PANNIER-RUNACHER

**Avviż għall-attenzjoni ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja**

(2022/C 92/02)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet iddeżinjati fl-Anness I għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK ([1]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/307 ([2]), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 ([3]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/300 ([4]), dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara li rrieżamina l-lista tal-persuni u l-entitajiet ddeżinjati fl-Annessi msemmija hawn fuq, iddetermina li l-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jeħtieġ li jkomplu japplikaw għal dawk il-persuni u entitajiet. Ir-raġunijiet għad-deżinjazzjonijiet ta' dawk il-persuni u l-entitajiet jidhru fl-entrati rilevanti f'dawk l-Annessi.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fuq is-siti web fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 765/2006, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżati jintużaw għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 3 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill qabel it-30 ta' Novembru 2022, flimkien mad-dokumentazzjoni ta' sostenn li d-deċiżjoni li tinkludihom fil-lista msemmija hawn fuq għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1 Global and Horizontal Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni rċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK u l-Artikolu 8a(4) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, tal-lista tal-persuni u l-entitajiet iddeżinjati.

---

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 46, 25.2.2022, p. 97.
([3]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.
([4]) ĠU L 46, 25.2.2022, p. 3.

**Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-data li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja**

(2022/C 92/03)

Qed tinġibed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-data għall-informazzjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Il-bażi legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar huma d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK ([2]), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/307 ([3]), u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 ([4]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/300 ([5]).

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar huwa d-Dipartiment RELEX.1 fid-Direttorat Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni - RELEX tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK), li jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1 Global and Horizontal Affairs
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

indirizz elettroniku: sanctions@consilium.europa.eu

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tas-SĠK jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data

data.protection@consilium.europa.eu

L-għan tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi f'konformità mad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2022/307, u r-Regolament (KE) Nru 765/2006, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/300.

Is-suġġetti tad-data huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar fil-lista kif stabbilit fid-Deċiżjoni 2012/642/PESK u fir-Regolament (KE) Nru 765/2006.

Id-data personali miġbura tinkludi d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna kkonċernata, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet u kull data oħra marbuta ma' dan.

Id-data personali miġbura tista' tkun kondiviża skont kif meħtieġ mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-Kummissjoni.

Mingħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data bħad-dritt ta' aċċess, kif ukoll id-drittijiet ta' rettifika jew ta' oġġezzjoni ser jiġi indirizzat skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

Id-data personali ser tinżamm għal ħames snin minn meta s-suġġett tad-data jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi jew minn meta l-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

([1]) ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.
([2]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 46, 25.2.2022, p. 97.
([4]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 46, 25.2.2022, p. 3.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ġudizzjarju, amministrattiv jew mhux ġudizzjarju, is-suġġetti tad-data jistgħu jressqu lment quddiem il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 (edps@edps.europa.eu).

**Avviż għall-attenzjoni ta' Serhiy Vitaliyovich KURCHENKO soġġett għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.**

(2022/C 92/04)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tas-Sur Serhiy Vitaliyovich KURCHENKO, soġġett għal miżuri restrittivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

Il-Kunsill biħsiebu jinkludi lill-persuna msemmija hawn fuq fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-persuna kkonċernata hija b'dan infurmata li tista' tippreżenta talba lill-Kunsill biex tikseb id-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet maħsuba għad-deżinjazzjoni tagħha, qabel l-4 ta' Marzu 2022, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT